# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LXI**
**Illum, il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 81/99**

**Il-Pulizija**

**v**

**Gaetano Abdilla**
***-- omissis --***

Dan huwa provvediment limitat ghat-talba ta' l-appellant Gaetano Abdilla, maghmula permezz tar-rikors tieghu tal-14 ta' Dicembru, 2000, sabiex jipproduci f'dana l-istadju ta' appell lil P.C. 1127 Frank Bonello. L-Avukat Generali, permezz tar-ripsota tieghu tal-20 ta' Dicembru, 2000, oppona ruhhu ghall-produzzjoni ta' dana x-xhud u invoka l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali.

Permezz tan-nota tieghu tat-3 ta' Jannar, 2000, l-appellant fisser li l-imsemmi kuntistabbli ma kienx xehed quddiem il-Qorti Inferjuri. Fisser ukoll li d-deposizzjoni ta' dana l-kuntistabbli seret mehtiega minhabba "fil-mod ta' kif xehed l-*enforcement officer* Johan Buttigieg quddiem din il-Qorti", cioe` quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Skond l-appellant (u dejjem permezz ta' l-imsemmija nota) dana Buttigieg, "kuntrarjament ghal dak li gara quddiem l-ewwel Qorti, f'dana l-istadju ta' appell xehed dwar il-kwistjoni ta' jekk l-appellant kienx presenti jew le fuq il-post meta kienu accedew l-*enforcement officers*". Fi kliem iehor l-appellant qed jikkontendi li dana Buttigieg qal xi haga gdida li ma kienx qala quddiem l-ewwel qorti, u li minhabba dana l-fatt <u>gdid</u> id-difiza jehtigilha tipproduci lil P.C. Bonello biex tirribatti din il-prova gdida.

Skond l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali ebda xhud gdid ma jista' jingieb quddiem dina l-Qorti, cioe` fi stadju ta' appell, hlief (u hawn il-Qorti tirrileva li huwa relevanti biss il-paragrafu (a) ta' l-imsemmija disposizzjoni) "jekk jigi ippruvat <u>bil-gurament jew b'mezzi ohra</u> li l-part li toffri x-xhieda godda <u>ma kinitx taf bihom</u>, jew <u>ma setghatx</u>, bil-mezzi li taghti l-ligi, <u>iggibhom quddiem il-qorti inferjuri</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in dizamina la jirrisulta ppruvat – bil-gurament jew b'mezzi ohra – li l-appellant ma kienx jaf b'dana x-xhud Bonello jew li ma setax jipproducih quddiem il-Qorti Inferjuri, u, aktar importanti, anqas jirrisulta pruvat li quddiem

din il-Qorti x-xhud Buttigieg qal xi haga sostanzjalment differenti (u ghalhekk gdida) minn dak li kien qal quddiem l-ewwel qorti. Meta, bhal f'dan il-kaz, ix-xiehda li tkun instemghet quddiem l-ewwel qorti ma tkunx giet traskritta, din il-Qorti ghandha necessarjament tassumi, salv prova kuntrarja, li dak li jghid xhud quddiemha ikun, fis-sustanza, dak li jkun iddepona quddiem l-ewwel qorti. Il-Qorti temfasizza l-kelma "fis-sustanza"; fi kliem iehor, mhux ghax xhud jghid kelma differenti jew juza espressjoni differenti, jew jispjega f'aktar dettal dak li jkun qal quddiem l-ewwel qorti, allura necessarjament ikun qed jixhed xi haga gdida – irid ikun hemm xi haga kompletament gdid u li tincidi b'mod determinanti fuq l-ezitu tal-kawza, u li qatt ma tkun ingiebet, direttament jew indirettament, a konjizzjoni ta' l-ewwel qorti. Altrimenti l-process fl-appell facilment isir, flok process biex din il-Qorti tirrevedi dak li jkun sar quddiem il-Qorti Inferjuri, smigh mill-gdid tal-kawza. Tali smigh mill-gdid hu permess biss fil-kazijiet kontemplati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jirrisultax li hemm ir-rekwiziti legali li a bazi taghhom din il-Qorti tista' takkolji t-talba ta' l-appellant sabiex jipproduci f'dana l-istadju lil P.C. 1127 Frank Bonello. Konsegwentement tichad it-talba ta' l-appellant ghall-produzzjoni ta' dana x-xhud.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur